



Brussell, 29 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9394/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0045(COD)

CODEC 1099
EF 197
ECOFIN 498
IA 157

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera tal-impriżi ta' investiment kollettiv u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013, (UE) Nru 346/2013 u (UE) Nru 1286/2014 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-12 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Lulju 2018².
3. Fis-16 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 6987/18.

² ĠU C 367, 10.10.2018, p. 50.

³ 8426/19.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" flaqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 54/19.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
